MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 448/2003

**Maltcom p.l.c.**

**Vs**

**Dr Antoine Gambin**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tmien mija hamsa u sebghin liri maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm2875.89) rappresentanti ammont mill-konvenut dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici in kwantu ghal Lm59.34 fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21437182 in kwantu ghal Lm739.90 fuq servizz telefoniku 21435566 u kwantu ghal Lm2076.65 fuq servizz telefoniku 21435568 (skond kif jirrizulta mid-dokument A anness mal-avviz) liema servizzi gew installati wiehed "Pierre', Triq Massimilian Debono, Lija, l-iehor Garage No1, Triq Dun Mikiel Xerri, Attard u l-iehor "Galway", Triq Dun Mikiel

Xerri, Attard rispettivament u dana kif jirrizulta mid-dokument Dok B anness mal-avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, u ta’ l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-driettijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-atti minn fol 2 sa fol 7.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-23 ta' Gunju 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm2875.89,0 bl-imghax legali mid-disgha (9) ta’ Settembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, bla data msemmija fl-avviz in ezami u tat-taxxa fuq id-dirttijeit professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------